MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-11 ta' Settembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 148/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Darren Tonna**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva fit-3 ta’ Settembru, 2001 kontra Darren Tonna, bin Anthony u Antoinette nee Cassar, karta ta’ l-identita` nru 39275M, talli f’dawn il-Gzejjer fit-28 ta’ Marzu 1997 u fit-tlett xhur qabel din id-data (**1**) kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina bi ksur tal-ligi, (**2**) kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (Ecstasy) bi ksur tal-ligi, u (**3**) ikkonsenja l-imsemmija medicina ristretta u psikotropika lil xi persuna bi ksur tal-ligi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta’ Mejju 2008, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Darren Tonna mhux hati skond l-ewwel u skond

it-tielet imputazzjonijiet, izda sabitu hati skond it-tieni imputazzjoni u kkundannatu ghall-piena ta’ hames xhur prigunerija kif ukoll multa ta’ sitt mitt ewro (Euro 600), pagabbli b’rati ta’ sittin ewro (Euro 60) kull xahar, bl-ewwel pagament fi zmien erba’ gimghat mid-data tas-sentenza u bil-kundizzjoni li jekk xi pagament ma jithallasx, il-bilanc ikun dovut kollu f’daqqa;

Rat it-talba ghas-sospensjoni ta’ l-esekuzzjoni tas-sentenza, maghmula w akkordata fit-12 ta’ Mejju 2008;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Darren Tonna, minnu pprezentat fit-22 ta’ Mejju 2008, li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza riferibbilment ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-5 ta’ Settembru 2008; semghet ukoll f’dik l-udjenza lis-Sinjura Jean Cali` mill-agenzija Caritas; ikkunsidrat;

L-appellant qed jilmenta biss mill-piena. Huwa jikkontendi li l-piena erogata ma taghtix importanza ghall-aspett riformattiv tal-piena, izda tiffoka biss fuq l-aspett retributtiv u ta’ deterrent. Jilmenta wkoll dwar it-trapass taz-zmien minn meta sehh ir-reat, u jghid li llum ghandu impjieg fuq bazi *full time* u li “huwa marid b’marda terminali serja”.

Jibda biex jinghad fl-ewwel lok, li minn mindu l-prosekuzzjoni ddikjarat quddiem il-Qorti Inferjuri li kienet ghalqet il-kaz taghha, l-appellant, allura imputat, ma ressaq ebda prova hlief ghac-certifikat mediku – izda mhux mahluf – datat 19 ta’ Settembru 2007, li jghid xott xott “This is to confirm that Mr Darren Tonna has been under my care for HIV since 1997”[1]. Anqas ma ngabet xi prova dwar il-vantat impieg. Fi kwalunkwe kaz, ma jirrizultax li dana l-impieg huwa ta’ xi relevanza issa, ghax mid-deposizzjoni ta’ Jean Cali`, moghtija fl-udjenza tal-5 ta’ Settembru 2008 quddiem din il-Qorti, jirrizulta li l-appellant dahal fil-facilita` residenzjali ta’ San Blas xahrejn

[1] Ara Dok. MC a fol. 140 tal-atti.

ilu. Dan juri li hu ghad ghandu bzonn ta' kura strutturata minhabba l-problema ta' dipendenza fuq drogi.

L-ewwel qorti jidher li kkundannat lill-appellant ghal piena karcerarja minhabba n-numru mhux zghir ta' pilloli Ecstasy li rrizulta li kienu fil-pussess tieghu – kwazi disghin. Din il-Qorti ma tara xejn x'ticcensura f'dan. Kif din il-Qorti kellha okkazjoni li tosserva aktar minn darba, il-fatt li l-qorti ta' prim istanza ma tkunx sodisfatta li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati – anzi tista' tkun addirittura sodisfatta li kien proprju ghall-uzu esklussiv tal-hati – ma jfissirx neccessarjament li m'ghandhiex tigi imposta piena karcerarja. Fost cirkostanzi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni hemm l-ammont jew kwantita` ta' droga involuta. Ammont konsiderevoli ta' droga, anke jekk jirrizulta li kien intiz ghall-uzu esklussiv tal-hati, dejjem jipprezenta perikolu socjali ferm akbar minn kwantita` zghira jew modika. Bizzejjed wiehed jikkontempla l-possibilita`, proprju minhabba l-kwantita`, li wiehed ikun aktar propens li jcedi ghal pressjoni u jaqsam dik id-droga ma' haddiehor, u dan billi jkun hemm *enough to go round*. Apparti dan, tajjeb li wiehed josserva li, kif jirrizulta mill-fedina penali aggornata ezibita fl-istadju ta' appell, il-fatt li l-appellant kellu dawn il-proceduri ghaddejjin quddiem l-ewwel qorti – proceduri li bdew f'Settembru/Ottubru 2001 – ma zammux milli jkompli jippizzika fid-drogi, tant li fit-18 ta' Ottubru 2006 huwa instab hati li fis-16 ta' Marzu 2002 u fil-granet qabel dik id-data kellu fil-pussess tieghu id-droga kokajina bi ksur tal-ligi, u nghata *conditional discharge* ghal hmistax-il xahar.

Kollox ma' kollox din il-Qorti ma tara ebda raguni valida ghala ghandha tiddisturba l-piena erogata mill-ewwel qorti. Ghal dawn ir-ragunijiet, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan li t-terminu ta' xahar ghall-hlas ta' l-ewwel pagament rateali tal-multa jibda jiddekorri mil-lum. Il-Qorti tordna wkoll id-distruzzjoni mir-Registratur tad-droga involuta f'dan il-kaz kemm-il darba l-Avukat Generali ma jiddikjarax, permezz ta' nota li ghandha tigi prezentata mhux aktar tard minn gimghatejn mil-lum, li l-istess droga hija mehtiega in konnessjoni ma' xi proceduri ohra. Ir-Registratur ghandu jirredigi *proces-verbal* bid-

dettalji tad-distruzzjoni tad-droga, u jinserih fl-atti ta' din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------